Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,093, 23 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 389 tal-2018

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Ordni tal-2018 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, il-Ministru għas-Saħħa għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2018 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży (Emenda Nru 3), u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ewwel Skeda".

Cap. 101.

Jemenda l-Ewwel Skeda.

2. It-Taqsima I tal-Ewwel Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih qabel il-partita "DESOMORPHINE", għandha tiżdied il-partita "CYCLOPROPYLFENTANYL, *N*-phenyl-*N*-[1-(2-phenylethyl)piperidin-4-yl]cyclopropanecarboxamide"; u

(b) minnufih wara l-partita "METHADONE – INTERMEDJARJU" għandha tiżdied il-partita "METHOXYACETYLFENTANYL, 2-methoxy-*N*-phenyl-*N*-[1-(2-phenylethyl)piperidin-4-yl]acetamide".